**14. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor Alfred Sant, ressaq din l-addenda għall-mozzjoni ta' l-Onor Mario Galea:-**

Żid dan il-kliem:

Iżda din il-Kamra tinnota li minkejja l-kliem sbieħ u vag li bihom hu miżgħud id-Diskors tal-President Tabone, id-Diskors innifsu ma jagħti l-ebda ħjiel ċar dwar kif il-Gvern bi ħsiebu:

1. jippromwovi titjib Kostituzzjonali;

2. inaqqas il-partiġjaniżmu sfrenat fil-ħatriet pubbliċi tal-pajjiż;

3. jieħu passi serji ħalli jiżgura li l-Amministrazzjoni tal-pajjiż tkun tassew waħda nadifa;

4. jagħti attenzjoni urġenti lill-problemi kbar li jeżistu fih oqsma tat-tmexxija ekonomika, finanzjarja u industrijali tal-pajjiż, liema oqsma bil-kemm jissemmew fid-Diskors tal-President;

5. isostni u jsaħħaħ il-valuri tas-soċjetà tagħna li qed jitħallew jitmermru, mhux l-anqas minħabba nuqqas ta' impenn min-naħa tal-Gvern biex jiġġieled kontra l-pjagi tal-kriminalità, id-droga u l-indifferenza soċjali;

6. jiżgura li s-servizzi soċjali bħal saħħa u edukazzjoni pubblika ma jkomplux jitħallew imorru għall-agħar; u

7. jinforma lill-poplu b'mod responsabbli dwar it-tifsira sħiħa tas-sħubija ta' Malta fil-Komunità Ewropea, bil-vantaġġi u l-iżvantaġġi kollha li din iġġib magħha.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-Kamra tiddeplora li:

a. id-Diskors tal-President Tabone m'hu xejn ħlief eżerċizzju ta' propoganda fejn il-kliem impoġġi sabiħ huwa importanti aktar mis-sustanza;

b. n-nuqqas ta' pjanar serju min-naħa tal-Gvern kif rifless mid-diskors tal-President ma jawgurax tajjeb għal ġejjieni ta' pajjiżna; u

c. il-Kamra jisgħobbiha li bl-ebda mod id-Diskors tal-President ma jiftaħ orizzonti ġodda ta' ħsieb u ħidma li jkunu jistgħu jwasslu biex tassew il-Maltin u Għawdxin kollha iħossuhom konvinti li l-pajjiż hu tagħhom ilkoll.

06.04.92

**L-emenda m'għaddietx fis-Seduta 4 tal-Erbgħa, 8 ta' April 1992.**